# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta 10 ta' Lulju 2018**

**Rikors Guramentat Numru : 224/2018/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 470/07 fl-ismijiet:**

**Massimo Galea [KI nru 455771M]**

**vs**

**Emanuel Baldacchino [368682M]**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Emanuel Baldacchino [KI nru 368682M] datat 7 ta' Marzu 2018 fejn espona: -

Illi dan huwa rikors ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju fl-ismijiet fuq premessi liema rikors qed isir *a tenur* tal-artikolu **836 (1) (a) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u liema rikors qed isir *a tenur* tar-ragunijiet segwenti:

**Art 836 (1) (a) - *l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh;***

Illi dan il-mandat kien gie pprezentat sussegwentement ghal kawza bejn il-partjiet fuq indikati fl-ismijiet 'Max Galea vs Baldacchino Emanuel' [Cit. Nru: 20/2006 Imhallef LFS] liema kawza kienet giet ipprezentata fis-sena 2006.

Il-mandat *de quo* kien gie pprezentat fis-sena 2007 [Dok. A] izda fil-kawzali tieghu gie indikat hekk b'rabta mal-kawza msemmija:

*"Danni subiti fil-proprjeta` tieghu per konsegwenza tal-agir tal-konvenut liema pretensjoni tinsab dedotta f'kawza quddiem din l-istess Qorti datata 9 ta' Jannar '06 Cit nru 26/06' (recte 20/06).*

Illi l-kawza fuq imsemmija, ossia dik bic-Citazzjoni numru 26/06, (*recte* 20/06) giet ikancellata u dan kif jidher mill-verbal tal-istess seduta datat 15 ta' Gunju 2011 [Dok. B] fejn gie ddikjarat is-segwenti:

*"Ghalhekk il-kawza qed tigi kkancellata".*

Illi ghalhekk galadarba l-kawza m'ghadhiex fis-sehh, *multo magis* il-mandat kawtelatorju *de quo* m'ghadux fis-sehh u dan *ai termini* tal-ligi:

*Art 838B: (1) Sakemm ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat, kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh sa hmistax-il gurnata wara li l-kawza tghaddi f' gudikat.*

Illi galadarba l-kawza fuq imsemmija li ghalija jirreferi l-mandat kawtelatorju odjern giet ikkancellata, tali kancellament jekwivali ghal gudikat imsemmi fl-artikolu kwotat u, ghalhekk sigurament dan il-mandat kawtelatorju m'ghadux fis-sehh.

Inoltre *ai termini* tal-artikolu 849 tal-Kap 12, liema artikolu jirreferi ghall-mandati ta' sekwestri kawtelatorji, dan l-artikolu jaghmel referenza ghall-artikolu 843 u jaghmel dan l-artikolu applikabbli ghall-mandati ta' sekwestru kawtelatorju. L-artikolu 843 jipprovdi kif isegwi:

*“Art 843: (1) Ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghal jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat:*

*Izda fejn il-hrug ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-ohra u l-parti li tohrog il-mandat tkun bdiet il-proceduri quddiem il-qorti, il-perjodu hawn fuq*

*imsemmi jibda jghodd mill-gurnata li fiha tigi awtorizzata tipprocedi mill-qorti* ***imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proceduri jigu rtirati jew abbandunati.*** **(enfasi mizjud).**

Illi l-kawza fuq imsemmija, kif *del resto* jghid l-istess verbal Dok. B, giet abbandunata tant li l-Qorti kkancellat l-istess u Max Galea, l-intimat fil-proceduri odjerni ma ha ebda azzjoni biex jerga' jirravviva l-kawza u titqieghed fuq il-lista tal-kawza, b'tali mod li l-kawza giet abbandunata.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju *stante* li l-att kawtelatorju *de quo* m'ghadux aktar fis-sehh.

**Art 836** (1) **(f) –** ***jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.***

Illi ghall-istess ragunijiet fuq dedotti, dan il-mandat kawtelatorju ghandu jitnehha *stante* li fic-cirkostanzi fuq spjegati ma hux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh u wisq izjed ma hux mehtieg u gustifikat galadarba l-kawza bejn il-partijiet giet ikkancellata fis-sena 2011 u minn dak iz-zmien sal-lum ma saru ebda proceduri ohra, tant li kull pretensjoni tal-attur illum hija preskritta bit-trapass taz-zmien (salv dejjem il-pretensjoni tar-rikorrenti li dejjem insista li ebda ammont ma kien dovut minnu).

Ghaldaqstant, galadarba l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh, u fic-cirkostanzi ma hux ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-mandat kawtelatorju numru 470/07 fl-ismijiet Massimo Galea [KI nru 455771M] vs Emanuel Baldacchino [KI nru 368682M] *a tenur* tal-Artikolu 836(1)(a) u/jew *a tenur* tal-Artikolu 831(1)(f).

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Marzu 2018 f’ nofsinhar (12:00pm).

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 14 ta' Gunju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Neil Harrison ghall-Emanuel Baldacchino. L-intimat ezekutant Massimo Galea debitament notifikat u msejjah tliet darbiet ma deherx u ma wegibx ghar-rikors. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta’ Dr Harrison fejn gie trattat ir-rikors u rega’ gie ikkonfermat li l-kawza mertu tal-mandat kienet marret kancellata. Ir-rikors gie differit ghall-digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 470/07 ai termini tal-**artikolu 836(1)(a) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, li nhareg mill-intimat ezekutant Massimo Galea.

Ikkonsidrat li r-rikorrent qed jitlob it-thassir ta' Mandat ta' sekwestru premess billi ssottometta li dan il-Mandat kien gie prezentat in segwitu ghal kawza bejn il-partijiet Max Galea vs Baldacchino Emanuel 20/2006, liema kaz gie ikkancellat kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju 2011 fl-atti ta' dak il-kaz esebit bhala Dok B. Ghalhekk, qed jigi sostnut, li ladarba l-kaz 20/2006 gie kkancellat u Max Galea, l-intimat f'dawn il-proceduri, ma ha l-ebda azzjoni biex il-kaz jerga' jigi ravvivat, l-att kawtelatorju imsemmi m'ghandux jibqa' fis-sehh.

Illi l-intimat ezekutant debitament notifikat ma wegibx.

### Konsiderazzjonijiet ta' Dritt:

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836 (1) (a) u (f) tal-Kap 12** li jipprovdi li att kawtelatorju jista' jigi mhassar b'digriet tal-Qorti kompetenti *inter alia*, jekk (a) li l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh; u (f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

**L-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12.**

Dan is-subartikolu jitratta kazijiet fejn l-att kawtelatorju, li tieghu tkun qed tintalab ir-revoka, m'ghadux aktar fis-sehh.

Illi skont l-**artikolu 843 (1) u (2) tal-Kap 12** li jistipula:

*(1) "Ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat."*

*(2) "Jekk is-sekwestrant jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha."*

Illi b'referenza ghall-**artiklu 836(1)(a)**, gie ritenut mill-Qrati nostrali, fid-decizjoni fl-ismijiet **Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd u Elaine Sant Galea vs Market Handle Limited u Celine Lee Bentley** (deciza fit-30 ta' Dicembru 2011, Prim Awla, Rikors Numru 1067/2011 (JRM)) li: *"Din id-disposizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz imhares b'dak il-Mandat. Jekk min johrog Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni mehtiega fiz-zmien moghti mil-ligi, il-Mandat jaqa' hekk kif jghaddi dak iz-zmien. Din hija normalment, l-unika wahda mis-sitt ragunijiet mahsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba ghat-thassir tal-Mandat b'semplici kostatazzjoni mill-atti, ghaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawza jew le."*

Illi f'dan il-kaz, kien gie pprezentat il-kaz 20/2006 ghall-pretensjonijiet tal-ezekutant. Madankollu, il-kaz ma kompliex jigi segwit peress li fil-mori, il-kawza giet ikkancellata u l-ezekutant qatt ma ttenta jerga' jirravviva l-kaz biex jerga' jitpogga fuq il-lista, kwindi l-kaz spicca dezert.

Illi r-rikorrent gab il-prova necessarja dwar dan. Difatti, jirrizulta mill-verbal tal-atti tal-kawza numru 20/2006 esebit bhala Dok B f'dawn il-proceduri, li l-kaz gie kkancellat. Gie sostnut li Max Galea, ir-rikorrent fil-kaz 20/2006 u l-intimat f'dawn il-proceduri ma hax il-passi legali necessarji sabiex l-kaz jigi ravvivat, u jerga' jitpogga fuq il-lista fiz-zmien rikjest mil-ligi. Ladarba dan ma sarx il-kaz gie dezert.

Inoltre`, fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-intimat ezekutant Massimo Galea debitament notifikat ma wegibx ghar-rikors odjern u ma deherx fl-Awla, kwindi dak sostnut u ppruvat mir-rikorrent, ma jirrizulta li bl-ebda mod kontrastat jew ribattut.

Billi l-mandat huwa accessorju ghall-kawza principali, ghaldaqstant gjaladarba l-kawza giet ikkancellata, u kwind billi ma gietx ravvivata, titqies li hija dezerta, l-mandat m'ghandux jitqies li jibqa' fis-sehh.

**L-Artikolu 836(1)(f)**

Isegwi wkoll li huwa applikabbli dan is-subartikolu *stante* li l-kancellament tal-kawza sehh sussegwentement ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju **(ara** "**Spiteri vs Darmanin**" –

P.A. (JRM) deciza fil-25 ta’ Awwissu 2010). Ghaldaqstant fic-cirkostanzi taqbel mat-tezi tar-rikorrent li mhuwiex ragjonevoli li l-mandat premess jinzamm fis-sehh.

Illi ghalhekk, il-Qorti ser tilqa’ t-talba ghal revoka tal-Mandat Kawtelatorju numru 470/07 *stante* li hija misthoqqa abbazi tal-artikolu 836(1) (a) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 470/07 li nhareg fl-ismijiet "Massimo Galea kontra Emanuel Baldacchino", fit-termini tal-artikolu 836(1) (a) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Lulju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta’ Lulju 2018**